MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 814/2015/1

**Fl-atti tar-rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni Nru. 814/2015 JZM fl-ismijiet :**

**Raymond Cilia (Karta ta` Identita` Numru : 227557M) u martu Giovanna Cilia (Karta ta` Identita` Numru : 584654M)**

***kontra***

**Maryanne Giordmaina (Karta ta` Identita` Numru : 27261M) in rapprezentanza tal-Victoria Shooting Club li jopera u jhaddem il-Victoria Shooting Range li tinsab f`Tal-Handaq limiti ta` Hal-Qormi**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Ir-rikorrenti pprezentaw rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni ("il-Mandat") fil-25 ta` Mejju 2015.

Fil-25 ta` Mejju 2015, il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, tat lill-intimata ghaxart (10) ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub, u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza ta` nhar it-Tnejn 8 ta` Gunju 2015 fis-1.45 p.m.

L-intimata kienet notifikata fis-26 ta` Mejju 2015 u pprezentat risposta bil-miktub fis-27 ta` Mejju 2015. Mar-risposta, kienu prezentati dokumenti.

Ir-rikors kien trattat fl-udjenza tat-8 ta` Gunju 2015. Fil-kors tal-udjenza, id-difensuri tal-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet taghhom. Kienu prezentati wkoll dokumenti.

Fid-9 ta` Gunju 2015, ir-rikorrenti pprezentaw dokumenti ohra permezz ta` nota.

Fil-11 ta` Gunju 2015, matul il-jum ta` filghodu, il-Qorti kompliet tisma` l-procediment, u wara nofsinhar, ghamlet access kemm fil-farm tar-rikorrenti kif ukoll fix-shooting range tal-intimata. Oltre l-partijiet u d-difensuri taghhom, kienu prezenti wkoll ghall-access it-Tobba Veterinarji Anthony Gruppetta u Gareth Grech.

Il-procediment thalla ghal provvediment kamerali.

Dan huwa l-provvediment.

## II. It-talba

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` Mandat ta` Inibizzjoni sabiex izomm lill-intimata milli *tkompli bl-attivita` ta` "shooting range" fil-post u fond li jinsab f`Tal-Handaq, u biswit il-"farm" ghat-trobbija tal-baqar, tal-moghoz u tan-naghag ghall-produzzjoni tal-halib u li huwa propjeta` tar-rikorrenti.*

## III. Ir-ragunijiet tar-rikorrenti

**Fil-qosor**, ir-rikorrenti jikkontendu illi fix-*shooting range* tal-intimata qed isir sparar b`armi tan-nar li ghandhom hoss b`intensita` aktar gholja minn dak tal-armi li jintuzaw fl-isparar fuq il-plattini ; fil-fatt sa xi zmien ilu, dan tal-ahhar kien l-uzu li kien isir mill-post. Meta ghal raguni jew ohra, ma baqax isir sparar fuq il-plattini, fil-post beda jsir sparar b`armi tan-nar differenti fuq

targets fissi. Skond ir-rikorrenti, l-isparar in kontinwazzjoni li qieghed isir illum fix-shooting *range* qieghed jikkawza hsara fl-operat tal-farm tar-rikorrenti, ghaliex qed igib tnaqqis sostanzjali fil-produzzjoni tal-halib, kif ukoll korrimenti u telf ta` friegh, ikkagunati mill-istress li ghalih l-annimali qed ikunu esposti, minhabba l-hsejjes gholjin tal-isparar. Inoltre mhijiex issir verifika tal-hoss fis-sit tal-intimata kif jipprovdi l-Avviz Legali 193 tal-2004.

## IV. **Id-difiza tal-intimata**

**Fil-qosor**, l-intimata twiegeb ghal-lanjanzi tar-rikorrenti billi tghid li x-shooting *range* taghha huwa debitament licenzjat skond il-ligi sabiex fis-sit isir kull generu ta` sparar b`armi sportivi. Tikkontendi li l-procedura tentata mir-rikorrenti mhijiex motivata mir-ragunijiet li gab `il quddiem izda ghaliex ir-rikorrenti jridu jiksbu bicca art biswit ir-razzett taghhom. Skond l-intimata, il-hoss generat mill-isparar fix-shooting *range* mhuwiex qed igib il-konsegwenzi negattivi lamentati mir-rikorrenti. Skond l-intimata, il-farm tar-rikorrenti kien jintuza ghat-trobbija tat-tigieg u zwiemel, u kien biss ricentement li r-rikorrenti bdew it-trobbija tal-annimali tal-halib. L-isparar li qed isir illum isir gewwa *trenches* imhaffra sabiex jittaffa l-hoss. Skond l-intimata, il-posizzjoni tal-farm tar-rikorrenti jinsab fil-*flight path* tal-ajruplani nezlin lejn l-MIA, li oggettivament u certament jaghmlu aktar hoss minn dak tal-isparar.

## V. **L-Art 873 tal-Kap 12**

Skond **l-ewwel subinciz tal-Art 873 tal-Kap 12** –

*L-iskop tal-Mandat ta' Inibizzjoni huwa li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

Skond **it-tieni subinciz** tal-istess artikolu –

*Il-Qorti **m'ghandhiex** tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent 'prima facie' jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

**Meqjusa flimkien iz-zewg subincizi, jirrizulta li sabiex jista` jinkiseb il-hrug tal-Mandat, iridu jissussistu flimkien dawn ir-rekwiziti :-**

1) **Il-jedd *prima facie* tar-rikorrent ;**
2) **Il-htiega ghar-rikorrent li l-hrug tal-Mandat se jservi ghat-tharis ta` l-jedd ; u**
3) **Il-pregudizzju tar-rikorrent.**

Tajjeb li jinghad illi dawn ir-rekwiziti **huma kumulattivi u mhux alternattivi**. Li allura jfisser illi jekk imqar wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti hija obbligata tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat.

## VI. Risultanzi

**1) L-ewwel rekwizit :**

***Il-jedd prima facie tar-rikorrenti***

Fis-sentenza taghha tal-14 ta` Lulju 1988 fil-kawza "**Grech pro et noe vs Manfre**", il-Qorti tal-Appell qalet hekk dwar "il-jedd *prima facie*" :-

***... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*** (enfasi u sottolinear tal-qorti)

Fil-kaz tal-lum, il-Qorti hasset il-htiega li taccedi kemm fil-farm tar-rikorrenti kif ukoll fix-shooting *range* tal-intimata. Tibda billi tirrileva li kemm il-farm kif ukoll ix-*shooting range* huma t-tnejn debitament licenzjati skond il-ligi. Prattikament iz-zewg siti jinsabu biswit xulxin ; bejniethom hemm biss it-triq li taqsam Tal-Handaq mid-direzzjoni tas-Siggiewi lejn Hal-Qormi u lura. Id-dhul ghall-farm jinsab aktar `l isfel mid-dhul tax-shooting *range* fid-direzzjoni tas-Siggiewi.

Kif tidhol mill-gate tal-farm, issib fuq quddiem lejn il-lemin, id-dar fejn ighixu r-rikorrenti u wliedhom. Aktar `il gewwa, imxerrdin kemm barra kif ukoll fil-kopert jidhru l-annimali tal-halib. Il-Qorti kienet infurmata li fil-farm issir il-produzzjoni tal-gbejniet ghas-*supermarkets.*

Wara li rat dak kollu li kellha tara fil-farm, il-Qorti marret fix-*shooting range* li tkopri estensjoni notevoli ta` art. Parti mill-art hija ntiza ghall-isparar fuq il-plattini ; skond l-intimata, dan it-tip ta` sparar huwa wieqaf ghal kollox bhala konsegwenza ta` proceduri gudizzjarji li jinvolvu terzi. Hemm imbaghad parti ohra fejn isir l-isparar lamentat mir-rikorrenti. Iz-zona fejn isir dan it-tip ta` sparar hija kostitwita minn parti mhaffra tal-art imdawra bit-tyres tal-karozzi. Skond l-intimata, kif saret, dik iz-zona sservi sabiex jittaffa l-hoss. Fejn tinsab din iz-zona partikolari, tinsab *grosso modo* ezatt biswit il-farm bit-triq biss tifridhom.

Il-Qorti hadet decizjoni illi taghmel test fis-sens illi tat struzzjonijiet sabiex rapprezentant tal-intimata jaghti diversi tiri ta` revolver fiz-zona tat-tyres fil-presenza tal-ufficjal ezekuttiv tal-Qorti filwaqt li l-Qorti tkun qeghda fil-farm, qrib l-annimali, sabiex tara jekk ikunx hemm reazzjoni ghall-isparar min-naha tal-annimali. Ghal dan it-test, kienu prezenti zewg veterinarji.

Fuq il-post ma rat l-ebda reazzjoni da parti tal-annimali ghall-isparar anke jekk limitat fl-ghadd u fil-hin. Waqt li kienet fil-farm, ghaddew ghall-fazi tal-inzul xi zewg ajruplani u anke f`dan il-kaz il-Qorti ma osservatx reazzjoni ta` xi xorta mill-annimali.

Kif hareg tant kjarament waqt it-trattazzjoni tar-rikors, il-partijiet dahlu mill-ewwel u bir-ras fil-mertu tal-kwistjoni ta` bejniethom, meta mhuwiex bl-analizi dettaljata u kombattuta tal-mertu, illi wiehed isib tarf tar-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat.

Diversi kienu d-dokumenti li kienu esebiti li jistghu jkollhom utilita` mhux ghall-fini tal-provvediment tal-lum izda jekk issir kawza dwar il-mertu.

Sar accenn ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) tal-20 ta` Mejju 2015 fil-kawza *Raymond Cilia vs L-Awtorita` ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et* ; fil-fehma tal-Qorti mhijiex rilevanti ghall-kwistjoni tal-lum.

Ir-rikorrenti jirreferu ghall-**<u>A.L. 193 tal-2004</u>**. Il-Qorti rat id-disposizzjonijiet tal-avviz legali u tistqarr illi r-regolamenti huma intizi *ghal hsejjes fl-ambjent li l-bnedmin huma esposti ghalihom b'mod partikolari f'zoni mibnija, parks pubbliçi, jew zoni kwieti ohra f'agglomerazzjoni, f'zoni kwieti fil-kampanja, hdejn skejjel, sptarijiet u bini u zoni ohra sensittivi ghall-hsejjes.* Issa huwa minnu li l-farm tar-rikorrenti jservi bhala *casa bottega* pero` m`ghandux ikun hemm dubju li l-iskop wara l-presentata tar-rikors ma kienx l-inkonvenjent ghar-rikorrenti bhala persuni

izda l-harsien tal-annimali taghhom. Dan apparti li l-Qorti m`ghandhiex l-icken prova lanqas *prima facie* li sar xi ksur ta` dawn ir-regolamenti da parti tal-intimata.

Ir-rikorrenti pprezentaw numru ta` ritratti biex jimmanifestaw il-mewt ta` xi annimali. Bl-akbar serenita` din il-Qorti tistqarr li lanqas *prima facie* ma tista` torbot dawk l-imwiet mal-hsejjes tal-isparar. Il-Qorti sahansitra stharrget l-**<u>Animal Welfare Act – Kap 439</u>**. U ma tirriskontrax fl-agir tal-intimata xi kaz ta` *ill-treatment* ta` annimali skond dak l-Att.

Meta qorti tkun qeghda tistharreg il-*prima facie* bhala bazi tal-jedd – imbaghad f`kaz bhal ma huwa dak tal-lum – trid ikollha l-konfort ta` ness ta` kawzalita` bejn dak li seta` gralhom l-annimali mal-isparar provenjenti mix-shooting *range.* Frankament il-Qorti ma tistax tmur lejn id-direzzjoni li talbuha tiehu r-rikorrenti fl-assenza tal-prova ta` jedd *oggettiv* anke jekk *prima facie.*

Il-Qorti qieset il-fehmiet <u>kompetenti u divergenti</u> espressi miz-zewg tobba veterinarji waqt l-access, u tistqarr illi ebda wiehed minnhom ma wassalha ghall-konvinciment morali li huwa propju l-isparar li qed jikkaguna dak kollu li qieghed jilmentaw minnu r-rikorrenti.

Ghal din il-Qorti – iddur fejn iddur – huwa sinjifikanti ghall-ahhar il-fatt illi meta kien isir sparar fuq il-plattini b`mod regolari, ir-rikorrenti ma kellhomx ilmenti. Lanqas ma jilmentaw mill-inzul tal-ajruplani, kull hin tal-jum, sa tard filghaxija, sebat ijiem fil-gimgha. Imbaghad ghal xi raguni r-rikorrenti jilmentaw mill-isparar li qed isir illum.

Jekk l-argument tar-rikorrenti huwa li l-annimali kienu draw il-hsejjes tal-isparar fuq il-plattini li kien hemm sa ftit taz-zmien ilu, u l-hsejjes tal-inzul tal-ajruplani, li ghadu ghaddej sal-lum, il-Qorti ssibha difficli taccetta kif l-annimali kellhom reazzjoni daqstant negattiva ghall-isparar attwali b`mod li garrbu l-effetti tant hziena msemmija fir-rikors tal-lum ; l-allegata disparita` fl-intensita` tal-hoss certament ma kenitx ippruvata sal-livell tal-*prima facie* fil-procediment tal-lum.

Din il-Qorti terga` tirriafferma illi l-procedura tal-Mandat hija ntiza sabiex tkun wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti fi procediment bhal dak tal-lum, kull ma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar il-jedd. Ghall-kjarezza u ghas-skans ta’ ekwivoci, fil-procedura tal-lum *mhuwiex* il-kompitu ta` din il-Qorti li tistabilixxi ness ta` kawzalita` bejn l-allegat fatt kolpuz imputat lill-intimata ma` l-allegat event dannuz imgarrab mir-rikorrenti. Ir-rwol taghha *specifikament* ghall-fini tal-procedura tal-lum huwa, mill-kliem tal-ligi stess, **<u>ristrett u limitat</u>**, u cioe` mhux li tidhol fil-mertu, izda li tistabilixxi jekk jirrizultawx sodisfatti r–rekwiziti ta` l-Art 873 tal-Kap 12. U hekk ghandu jkun ghaliex hadd ma jista` jew m`ghandu jippretendi li mad-“*daqqa t`ghajn*” ghandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi <u>hi</u> t-tilwima ta` bejn il-partijiet bil-procedura **<u>specjali u partikolari</u>** tal-Mandat ta` Inibizzjoni. Tajjeb li jinghad ukoll illi bil-fatt li tintlaqa` t-talba ghall-hrug tal-Mandat ma jfissirx illi l-jedd huwa ppruvat ; kif lanqas ma jfisser li ghax tkun michuda talba ghall-hrug ta` l-Mandat, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

**2)** **<u>It-tieni rekwizit :</u>**

***Il-htiega tar-rikorrenti***

Fil-provvediment taghha tat-18 ta` Dicembru 2009 fl-atti tar-rikors Nru 1935/09 fl-ismijiet **"Ohanebo et noe vs Il-Kummissarju tal-Pulizija"** din il-Qorti (**PA/JRM**) ippronunzjat ruhha hekk –

*Tqis li l-htiega ghall-hrug ta' Mandat bhal dan tintrabat sewwa ma' l-fatt jekk il-hsara li minnha l-parti rikorrenti tilminta tistax tkun wahda li ma tistax tissewwa mod iehor. Jekk l-inkonvenjent jew il-hsara lamentat jista' jitnehha, mqar b'decizjoni wara li jigi mistharreg il-kaz fil-mertu, jigi nieqes it-tieni element mehtieg ghall-hrug tal-Mandat.*

(**ara wkoll** : il-provvediment ta` din il-Qorti **PA/AM** moghti fit-2 ta` Jannar 1993 fl-atti tar-Rikors ghall-hrug tal-Mandat ta` Inibizzjoni fl-ismijiet "**Borg Grech vs Gasan et noe**").

Waqt it-trattazzjoni tar-rikors, ir-rikorrenti gabu l-argument li l-mewt ta` hlejqa tal-kreat (inkluz annimal) ma tistax tissarraf bil-flus. Il-Qorti mhijiex sejra tidhol fi kwistjonijiet ta` natura etika u cioe` dwar jekk il-hajja ta` annimal tistax tissarraf fi flus. Dak mhuwiex kompitu taghha fi procediment ta` din ix-xorta. Li certament trid tghid huwa li r-ragunijiet li gabu r-rikorrenti biex isostnu l-hrug tal-Mandat huma essenzjalment ragunijiet ekonomici u finanzjarji, mhux ragunijiet etici jew morali. Bhal kull haddiehor, ir-rikorrenti ghandhom il-jedd legittimu ghall-ghejxien xieraq taghhom ; ghalhekk il-pretensjoni taghhom hija fondata fuq telf fil-produzzjoni tal-halib u telf bil-mewt tal-annimali. Mela ddur fejn iddur il-kwistjoni hija bla dubju ekonomika, mhux morali jew etika. Ghalhekk fil-fehma konsiderata ta` din il-Qorti, il-lanjanza vera tar-rikorrenti ma tissewwiex bil-hrug tal-Mandat, izda b`azzjoni ghal danni, dejjem jekk issir il-prova li ghandhom ragun fil-lanzjanzi taghhom.

**3) It-tielet rekwizit :**

***Il-pregudizzju rrimedjabbli tar-rikorrenti***

Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa **mezz procedurali eccezzjonali** ta` provvediment legali. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tar-rikorrent huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista` jkollu r-rikorrent **jitnehha darba ghal dejjem u b`mod irrimedjabbli**. Fil-kaz tal-lum ma jirrizultax illi, ghax il-Mandat ma jkunx hareg, ir-rikorrenti sejrin jitilfu rrimedjabilment id-dritt li jfittxu lill-intimata fil-mertu.

## VII. Konkluzjoni

Ir-rekwiziti huma stretti. Il-Qorti (*m`ghandhiex*) hija prekluza milli tordna l-hrug tal-Mandat jekk mhux ir-rekwiziti kollha (minghajr eskluzjoni) ikunu sodisfatti ; mankanti mqar wiehed, il-Mandat ta` Inibizzjoni ma jistax johrog. Fil-kaz tal-lum, ir-rekwiziti kollha kienu nieqsa.

## Provvediment

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi filwaqt li thassar *contrario imperio* d-digriet taghha tal-25 ta` Mejju 2015 safejn kienet laqghet it-talba provvizorjament, tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal-Mandat. Tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------